



Kumitat għas-Sajd

2020/2023(INI)

26.5.2020

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ
Internazzjonali

dwar ir-rakkomandazzjonijiet dwar in-negozjati għal sħubija ġdida mar-Renju
Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq
(2020/2023(INI))

Rapporteur għal opinjoni: François-Xavier Bellamy

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom:

- A. billi n-negozjati kurrenti se jkunu ta' importanza deċiżiva għall-futur tal-Istati Membri u tar-Renju Unit u, f'dak il-kuntest, is-sajd u l-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar, u l-preservazzjoni u ksib mill-ġdid tal-ekosistemi tal-baħar huma kwistjonijiet essenzjali; billi s-settur tas-sajd jirrappreżenta direttament u indirettament mijiet ta' eluf ta' impjiegi, jipprovdi għajxien għal ħafna żoni kostali u komunitajiet kostali – li qed jaffrontaw tnaqqis demografiku – jikkontribwixxi għal ikel sikur u tajjeb għas-saħħa għal miljuni ta' konsumaturi, u jippromwovi mudell ambjentali qawwi;
 - B. billi l-politika komuni tas-sajd (PKS) ilha kważi 50 sena, fl-Istati Membri kollha kkonċernati, ippermettiet l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet aħjar għall-iżvilupp tas-sajd u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi; billi, għalhekk, wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, huwa neċessarju ftehim biex jiġu ggarantiti l-vitalità ekonomika tas-settur tas-sajd u l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd eżistenti, kif ukoll biex l-ispeċijiet jiġu ppreservati u l-bijodiversità tiġi protetta u tinkiseb mill-ġdid;
 - C. billi r-Regolament (UE) 2017/2403 tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni¹ mmarkaw pass kbir ħafna 'l quddiem għat-trasparenza u r-responsabbiltà fis-sajd globali, u dan għandu jkun rifless fil-ftehim futur;
 - D. billi r-rabtiet storiċi, ġeografiċi u ekosistemiċi eżistenti bejn l-UE u r-Renju Unit joħolqu interdipendenza qawwija bejn il-partijiet, kemm f'termini tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura u fis-setturi tal-ipproċessar ta' dawk il-prodotti u tal-kummerċ tagħhom, kif ukoll f'termini ta' protezzjoni ta' sistemi tal-baħar maqsuma bejniethom; billi r-Renju Unit u l-UE bħalissa jaqsmu bejniethom 97 stokk soġġetti għall-Qabdiet Totali Permissibbli (TACs); billi, minn dawn il-perspettivi, nuqqas ta' ftehim jikkawża ħsara immedjata u sinifikanti għall-partijiet ikkonċernati kollha involuti u fl-aħħar mill-aħħar għaċ-ċittadini tal-UE u tar-Renju Unit, kif ukoll għall-ekosistemi tal-baħar li jaqsmu bejniethom; billi, barra minn hekk, kwalunkwe ftehim għandu jkollu l-għan li jevita tħarbit ekonomiku għas-sajjieda tal-Unjoni u tar-Renju Unit li ilhom involuti f'attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tar-Renju Unit;
1. Jafferma mill-ġdid li ma jista' jiġi konkluż ebda ftehim komprensiv, inkluż dwar il-kummerċ, bejn l-UE u r-Renju Unit jekk dan ma jinkludix ftehim dwar is-sajd u l-kwistjonijiet relatati mas-sajd li jkun komplut, ibbilanċjat u fit-tul, u li jippermetti l-kontinwazzjoni b'kundizzjonijiet ottimali ta' aċċess għall-ilmijiet, ir-riżorsi u s-swieq tal-partijiet ikkonċernati, kif ukoll l-attivitajiet tas-sajd eżistenti;
 2. Jafferma mill-ġdid li l-ftehim dwar is-sajd irid ikollu rabta diretta man-negozjati li għaddejjin bħalissa dwar sħubija ekonomika, b'mod partikolari dwar il-kummerċ, u għalhekk dan ma jstax ma jkunx konness; jenfasizza li l-kwistjoni tal-aċċess liberu għall-ilmijiet u l-portijiet ma tistax tiġi separata mill-kwistjoni tal-kummerċ ħieles u l-

¹ ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.

aċċess liberu tal-prodotti tas-sajd tar-Renju Unit għas-suq tal-UE;

3. Ifakkar li kemm il-ħut kif ukoll it-tniġġis ma jagħrfux fruntieri politiċi u se jkomplu jinfirxu fil-baċiri tal-baħar kollha; jenfasizza li l-ekosistemi huma interkonnessi;
4. Ifakkar li l-akbar benefiċċju għaż-żewġ naħat se jinkiseb billi l-ekosistemi maqsuma jiġu protetti u billi l-isfruttament tagħhom jiġi mmaniġġjat b'mod sostenibbli, billi jinżamm l-aċċess reċiproku eżistenti għall-ilmijiet u għar-riżorsi tas-sajd, bil-għan li jinżammu l-attivitajiet tas-sajd eżistenti, kif ukoll billi jiġu definiti prinċipji u regoli komuni, koerenti, ċari u stabbli li jippermettu l-aċċess reċiproku miftuħ għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura għas-swieq, mingħajr ma jiġu kkawżati tensjonijiet ekonomiċi jew soċjali minħabba kompetizzjoni żbilanċjata; jinsisti li fil-ftehim futur ikun hemm klawżola ta' salvagwardja li tiddikjara li kwalunkwe ksur ta' klawżoli li jikkonċernaw l-aċċess reċiproku għall-ilmijiet u r-riżorsi jwassal għal sospensjoni tat-tariffi preferenzjali għall-prodotti tar-Renju Unit fis-suq tal-UE;
5. Jenfasizza l-ħtieġa li fl-abbozz ta' proposta ta' ftehim jiġu inklużi l-perċentwali ta' distribuzzjoni li bħalissa qed jiġu applikati għall-istokkijiet li għandhom jinqasnu bejn iż-żewġ partijiet fl-Anness FISH-2 (Allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd), f'konformità mal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva fis-seħħ; il-fatt li l-perċentwali tal-istokkijiet li għandhom jinqasnu bejn iż-żewġ partijiet tħallew vojta jaf jitqies bħala konċessjoni inizjali lir-Renju Unit, u li jnaqqas l-objettivi tal-mandat kurrenti;
6. Jistieden lill-partijiet iżommu l-ishma tal-kwoti eżistenti u d-distribuzzjoni stabbli u kostanti tad-drittijiet tas-sajd; jenfasizza l-importanza tal-ġestjoni fit-tul tar-riżorsi abbażi tal-konformità mal-prinċipji tal-PKS bħar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) u l-miżuri tekniċi, l-għodod ta' ġestjoni reġjonali bħall-Pjanijiet Pluriennali għall-Baħar tat-Tramuntana u l-Ilmijiet tal-Punent, u d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, li s'issa kollha kkontribwew għat-titjib tal-istat tal-istokkijiet tal-ħut għall-benefiċċju tal-flotot kemm tal-Istati Membri tal-UE kif ukoll tar-Renju Unit;
7. Ifakkar li r-Renju Unit kien involut fit-tnejjija u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Pluriennali għal kull baċir tal-baħar, b'mod partikolari għall-Baħar tat-Tramuntana u għall-Ilmijiet tal-Punent, li dawn il-Pjanijiet Pluriennali ġew imfassla b'kunsiderazzjoni tal-Istati Membri f'dak iż-żmien, inkluż ir-Renju Unit, u li l-objettivi stabbiliti jsegwu l-aħjar għarfien xjentifiku disponibbli u l-PKS;
8. Itenni li l-implimentazzjoni sħiħa tal-PKS kellha riżultati pożittivi importanti, kemm fiż-żieda tal-għadd ta' stokkijiet sfruttati fi ħdan l-MSY kif ukoll fil-mod kif il-Pjanijiet Pluriennali kkontribwew għas-sostenibbiltà bijoloġika u ekonomika li rriżultaw f'benefiċċji għall-komunitajiet tas-sajd ikkonċernati;
9. Jenfasizza li l-ftehim irid jiżgura li l-miżuri tekniċi jew iż-żoni protetti tal-baħar ikunu reċiproki, nondiskriminatorji u proporzjonati u ma jikkostitwixxux mod *de facto* ta' esklużjoni tal-bastimenti tal-UE mill-ilmijiet tar-Renju Unit; jenfasizza li meta jiġu stabbiliti iż-żoni protetti tal-baħar, il-partijiet kollha kkonċernati, inklużi s-sajjieda Ewropej, għandhom ikunu involuti fil-governanza u l-monitoraġġ ta' tali żoni, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura; jinsisti li l-ftehim ma jistax iwassal għal tnaqqis fl-istandards ambjentali u soċjali tal-UE;

10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra attivitajiet tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat fl-ilmijiet tal-Unjoni u tar-Renju Unit;
11. Jinsisti li l-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura tar-Renju Unit li jidħlu fis-suq intern iridu jikkonformaw mal-istess standards ambjentali, soċjali, sanitarji u fitosanitarji bħall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE, sabiex jiġu assigurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura tar-Renju Unit u tal-UE, kif ukoll biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumatur Ewropew;
12. Jenfasizza l-ħtieġa ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsultazzjoni xierqa, ta' approċċ xjentifiku komuni u ta' garanziji li r-Renju Unit se jkompli jikkontribwixxi għall-ġbir ta' data u l-valutazzjoni xjentifika tal-istokkijiet bħala bażi għal deċizzjonijiet futuri għall-ġestjoni ta' attivitajiet tas-sajd konġunti fil-baċiri tal-baħar kollha li jaqsmu bejniethom; iħeġġeġ lill-partijiet ikomplu bil-kooperazzjoni attiva u leali tagħhom fi kwistjonijiet ta' kontroll tas-sajd u l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat;
13. Jieħu nota tal-intenzjoni tar-Renju Unit li jinnegozja ftehim qafas tas-sajd separat man-Norveġja; ifakkar li n-Norveġja hija membru taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA), u li dan jinvolvi drittijiet u obbligi li jikkonċernaw is-settur tas-sajd u l-prodotti f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għas-suq tal-UE, fost affarijiet oħra;
14. Jissottolinja l-importanza li fil-ftehim tiġi inkluża referenza għall-obbligu ta' kooperazzjoni fil-qafas tal-istati kostali, kif previst fid-dritt internazzjonali, li huwa essenzjali għall-miżuri ta' ġestjoni tas-sajd u s-sostenibbiltà tal-stokkijiet maqsuma bejn iż-żewġ partijiet;
15. Jemmen li d-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe ftehim dwar is-sajd għandhom jiġu sostnuti minn mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim u jinkludu miżuri ta' rimedju bħala parti minn ġestjoni ġenerali tal-governanza tar-relazzjoni futura bejn l-UE u r-Renju Unit.
16. Ifakkar fl-isforzi għal ftehim dwar is-sajd li għandu jiġi konkluż sal-1 ta' Lulju 2020; jinnota b'dispaċir li l-kriżi tal-coronavirus, jew it-tifqigħa tal-COVID-19, ħarbtet l-iżvolġiment normali tan-negozjati bejn ir-Renju Unit u l-UE; jistieden, għalhekk, lill-partijiet ikunu flessibbli u jiddeċiedu malajr kemm jista' jkun li jestendu l-perjodu ta' tranżizzjoni f'konformità mal-Artikolu 132 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, sabiex jipprovdu ċertezza għas-settur;
17. Jemmen li jekk jintlaħaq qbil dwar estensjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni, id-distribuzzjoni kurrenti tat-TACs u l-kwoti għandha tiġi estiża b'mod korrispondenti, sabiex tingħata ċertezza tad-dritt lis-settur tas-sajd;
18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, madankollu, biex iħejju ruħhom għax-xenarji kollha – kemm għall-estensjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni, kif ukoll għal ebda ftehim – u biex ifasslu l-miżuri meħtieġa biex jappoġġjaw is-settur, kif ukoll l-oqfsa regolatorji xierqa għal kwalunkwe xenarju;
19. Jitlob, fl-aħjar nett, lill-partijiet fin-negozjati biex jużaw l-aħjar sforzi tagħhom biex

jaqblu malajr kemm jista' jkun dwar id-dispożizzjonijiet dwar is-sajd ta' kwalunkwe ftehim bejn ir-Renju Unit u l-UE, sabiex dawn ikunu ġew stabbiliti fil-ħin biex jintużaw ħalli jiġu determinati l-opportunitajiet tas-sajd għall-ewwel sena wara l-perjodu ta' tranżizzjoni.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	25.5.2020
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 24 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Aguilera, Pietro Bartolo, François-Xavier Bellamy, Izaskun Bilbao Barandica, Isabel Carvalhais, Rosanna Conte, Rosa D'Amato, Fredrick Federley, Giuseppe Ferrandino, João Ferreira, Søren Gade, Francisco Guerreiro, Anja Hazekamp, Niclas Herbst, France Jamet, Pierre Karleskind, Predrag Fred Matić, Francisco José Millán Mon, Cláudia Monteiro de Aguiar, Grace O'Sullivan, Manuel Pizarro, Caroline Roose, Bert-Jan Ruissen, Annie Schreijer-Pierik, Ruža Tomašić, Peter van Dalen, Theodoros Zagorakis
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Catherine Chabaud, Gabriel Mato, Elżbieta Rafalska

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

24	+
ECR	Bert-Jan Ruissen, Ruža Tomašić
ID	Rosanna Conte, France Jamet
PPE	François-Xavier Bellamy, Niclas Herbst, Francisco José Millán Mon, Cláudia Monteiro de Aguiar, Annie Schreijer-Pierik, Peter van Dalen, Theodoros Zagorakis
Renew	Izaskun Bilbao Barandica, Fredrick Federley, Søren Gade, Pierre Karleskind
S&D	Clara Aguilera, Pietro Bartolo, Isabel Carvalhais, Giuseppe Ferrandino, Predrag Fred Matić, Manuel Pizarro
Verts/ALE	Francisco Guerreiro, Grace O'Sullivan, Caroline Roose

1	-
GUE/NGL	Anja Hazekamp

1	0
GUE/NGL	João Ferreira

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni